**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Ellul Bonici**
**V**

**ALFRED FRENDO CUMBO**
**STEPHEN CACHIA**
**KENNETH CASSAR**

**Illum, 12 ta' Settembru, 2001**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **ALFRED FRENDO CUMBO** ta' sitta w erbghin sena bin Edward u Teresa nee Debono, imwieled Pieta nhar s-sitta ta' April, 1951 u joqghod Block B, Flat 2, St. John Flats, Triq il-Koppla, Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 373051M, **STEPHEN CACHIA** ta' sebgha w ghoxrin sena, bin Alfred u Venera nee Calleja, imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta' Lulju, 1970 u joqghod Plot 509, Triq Giovanni Felice Inglott, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita numru 288970M u **KENNETH CASSAR** ta' wiehed u ghoxrin sena bin Anthony u Grace nee Chircop, imwieled Pieta nhar s-sitta ta' Gunju, 1976 u joqghod "Sayonara", Triq il-Batterija, Taz-

Zonqor, M'Scala, detentur tal-karta tal-identita numru 421076M gew imressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar snin bhala ufficjali jew impjegati pubblici stazzjonati fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. b'mezzi kontra l-ligi jew billi nqdew b'qerq, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, u cioe billi nizzlu hinijiet fittizzji fl-*attendance book* tal-post tax-xoghol taghhom sabiex jibbeneficaw minn sahra, ghamlu qliegh kif ser jissemma: **fil-kaz ta' Alfred Frendo Cumbo** ta' aktar minn sitt elef hames mija u wiehed u tmenin lira maltin, **fil-kaz ta' Stephen Cachia** ta' aktar minn erbat elef disgha mija sebgha w sebghin lira maltin u **fil-kaz ta' Kenneth Cassar** ta' aktar minn elfejn sitt mija tlieta w erbghin lira maltin.

b. Sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet foloz jew taw taghrif falz.

c. Bhala ufficjali jew impjegati pubblici, ghal xi vantagg privat taghhom, ghamlu uzu hazin minn flejjes tal-Gvern illi kienu gew fdati lilhom minhabba l-kariga jew impjieg taghhom jew serquhom.

d. Bhala ufficjali jew impjegati pubblici fl-ezercizzju tad-dmirijiet taghhom, ghamlu falsifikazzjoni b'kitba maghmula jew imnizzla f'registri pubblici wara li kienu gia ffurmati jew maghluqa.

e. Bhala ufficjali jew impjegati pubblici meta kitbu atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga taghhom biddlu bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom billi nizzlu pattijiet diversi minn dawk li kienu gew maghmula mill-partijiet jew billi ddikjaraw bhala veri fatti foloz.

f. Ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura billi holqu obbligi foloz jew billi dahhlu l-obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew ffurmati, inkellha billi ziedu jew biddlu dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellu jkollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli xjentement ghamlu uzu minn att falsifikat.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati l-ewwel ta' Lulju, 1998 esibiti a fol 353 tal-atti minn fejn jirrizulta li l-Avukat Generali ghogbu, f'nuqqas t'oggezzjoni tal-imputati jibghat l-atti quddiem din il-Qorti sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Illi minn ezami tal-artikoli mibghuta jirrizulta li l-Avukat Generali akkuza lil imputati odjerni b'diversi akkuzi fosthom serq minn ufficjal jew impjegat pubbliku, falsifikazzjoni ta' atti minn ufficjal pubbliku, tibdiel b'qerq f'atti maghmula minn ufficjal pubbliku, falsifikazzjoni ta' atti pubblici kummercjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx ufficjal pubbliku, talli xjentement ghamlu uzu minn dokument falz.

Il-Qorti semghet lil imputati jwiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja fid-disgha w ghoxrin ta' Lulju, 1998 kif jirrizulta a fol 355 tal-atti.

Semghet il-provi kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u dawk prodotta mid-Difiza.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Lulju, 2001.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz twieled fil-wiehed u ghoxrin ta' Lulju, 1993 meta d-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin certu Peter Cordina kien iltaqa mal-Ispettur Kevin Ellul Bonici w infurmah li huwa kien ircieva rapport li t-tlett imputati kienu thallsu ghal sahra meta fil-fatt ma kienux ghamlu dan ix-xoghol ta' sahra. Illi fuq dan l-allegat rapport il-Pulizija Ezekuttiva bdiet l-investigazzjoni taghha u fl-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru, 1997, ressqet lit-tlett imputati il-Qorti w akkuzathom b'diversi reati.

Il-Prosekuzzjoni qed tallega li dawn t-tlett imputati li kienu Ufficjali Pubblici bazikament akkwistaw ammont ta' flus billi ffalsifikaw dokumenti tal-gvern.

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda sabiex tipprova ssostni l-kaz taghha. Fis-sbatax ta' Jannar, 1997 xehed **Peter Cordina** li dak iz-zmien kien Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin u beda jallega li l-imputati kienu jiffirmaw l-*attendance sheets* b'hinijiet twal u cioe

oltre dawk il-hinijiet fissi bhala hinijiet tan-nies impjegati mac-Civil. Fid-deposizzjoni tieghu Peter Cordina ma jghid xejn dwar l-allegat rapport li kien ircieva izda li huwa eleva l-attendance sheets u ghaddihom lil Pulizija Ezekuttiva ghal aktar investigazzjoni. Fl-ebda hin pero ma ndika minn fejn kien gabar din l-informazzjoni jew x'tip ta' informazzjoni kienet.

Illi jirrizulta minn ezami tal-*attendance books* li verament kien hemm indikat li l-imputati kienu hadmu hinijiet twal minn dak normali ta' impjegati fic-Civil. Jirrizulta wkoll li gew esibti xi kotba li jindikaw l-hinijiet ta' dhul u hrug ta' vetturi tal-impjegati tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin u l-vettura tal-imputat Alfred Frendo Cumbo tidher f'diversi okkazzjonijiet.

Il-Prosekuzzjoni ressqet wkoll diversi xhieda li jahdmu fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex tipprova tikkonferma l-allegazzjonijiet taghha.

Fis-sbatax ta' Novembru, 1997 xehed **Stephen Zammit** li qal li huwa kien jahdem hinijiet twal kuljum fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u qatt ma ra lil imputati jahdmu wara l-hinijiet normali tax-xoghol. Bil-gurament tieghu qal li l-imputati kienu johorgu bejn l-

erbgha u nofs u l-hamsa ta' filghaxija waqt li huwa kien jibqa jahdem. Fil-fatt stqarr wkoll li gieli kien jara lil imputat Alfred Frendo Cumbo jwassal lil Stephanie O'Connell f'okkazzjonijiet mhux spissi bhal per ezempju meta tkun ix-xita.

**Stephanie O'Connell** li hija Correctional Officer fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin qalet li hija bdiet tahdem fil-Facilita fl-erbgha ta' Dicembru, 1995 u damet sa Marzu 1997 u li kienet tahdem fl-*Accounts Section* tal-istess Facilita flimkien mal-imputati. Stqarret li l-imputat Alfred Frendo Cumbo kien jwassalha d-dar ta' spiss, darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha. Qalet li qatt ma rat lil imputati jghamlu xoghol sahra wara l-hinijiet tax-xoghol ta' impjegati tac-Civil u cioe wara s-siegha w nofs ta' wara nofsinhar fis-sajf u wara l-hamsa w kwart ta' filghaxija fix-xitwa.

**Rudolph Marmara** xehed li huwa ilu jahdem bhala skrivan b'effett mis-sitta w ghoxrin ta' Awissu, 1996 fl-*Accounts Section* tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin flimkien mal-imputati. Huwa stqarr li gieli kien jispicca mix-xoghol mal-imputati u gieli le, gieli kien jiddobba *lift* mal-imputat Alfred Frendo Cumbo u gieli le. Qal li kellhom il-procedura tal-*attendance book* esibit bhala dokument CSH 1 pero ma kienux jiffirmawh kuljum. Fil-fatt ex admissis jghid li gieli

ffirma l-attendance book darba fix-xahar u gieli darba fil-gimgha u jkopru il-perjodu fejn ma jkunux ffirmaw. Stqarr li dan il-ktieb kien jinzamm fl-ufficju tal-imputat Alfred Frendo Cumbo.

**Keith Darmanin** xehed li huwa jahdem bhala clerk mal-Facilita Korrettiva ta' Kordin fl-*Accounts Section* mal-imputati u dan b'effett minn Marzu, 1996. Ikkonferma wkoll li l-*attendance book* kien jiffirmah darba fix-xahar u f'dik l-okkazzjoni kien jiffirma l-perjodu kollu. Ikkonferma wkoll li dan il-ktieb kien jinzamm fl-ufficju tal-imputat Alfred Frendo Cumbo. Qal li l-hinijiet tax-xoghol tieghu kienu bhal dawk tal-imputati u filwaqt li huwa ghamel xi sahra ma jafx li qatt ra lil imputati jghamlu sahra.

**Lawrence Cachia** li hu Senior Principal Officer fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin qal li kien ilu jokkupa din il-kariga mill-ahhar ta' Awissu, 1996. Mieghu fl-ufficju fost nies ohra kien hemm t-tlett imputati. Huwa kkonferma li l-*attendance book* kien jinzamm fuq l-iskrivanija tal-imputat Alfred Frendo Cumbo u stqarr li kien jiffirmah kuljum mhux bhala impjegat l-ohra. Qal li kien jaf li kien hemm volum kbir ta' xoghol u meta kien staqsa lil imputati kif jlahhqu max-xoghol, l-imputati qalulu li kienu jghamlu s-sahra. Stqarr li huwa kien jispicca mox-xoghol u johrog qabel l-imputati u l-ghada meta jidhol

ghax-xoghol kien isib ix-xoghol tal-imputati lest fuq l-iskrivanija tieghu. Fil-fatt huwa kien taht l-impressjoni li dak ix-xoghol li kien isib l-ghada filghodu kien isir mill-imputati waqt s-sahra taghhom ghaliex xoghol warajh ma kienx jhalli.

**PC 95 John Mallia, PC 188 Joseph Cilia, PC 823 Ivan Brincat, PC 30 David Zahra, Salvu Cachia, Brian Richard Cassar, Edith Cuschieri u Anna Birgnone,** Correctional Officers u **Carmel Psaila**, gwardjan fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin qalu li huma jahdmu fil-Facilita fuq bazi ta' *shift* mis-sebgha ta' filghodu sad-disgha ta' bil-lejl gurnata iva u gurnata le u qatt ma jiftakru li raw lil xi hadd mill-imputati johorgu mix-xoghol wara l-hinijiet tax-xoghol u cioe l-hamsa w kwart ta' filghaxija fix-xitwa u s-siegha w nofs ta' wara nofsinhar fis-sajf.

**Salvinu Farrugia** li hu Senior Principal Officer fid-Dipartiment tat-Tezor qal li s-salarji johorgu skond d-discette li jigu mibghuta lit-Tezor mid-dipartiment koncernat, dan il-kaz il-Facilita Korrettiva ta' Kordin u dan kif jirrizulta a fil 238 tal-atti. Fl-ewwel ta' Gunju, 1998 reggha xehed l-istess Salvinu Farrugia u ppresenta l-*ispread sheets* li jikkoncernaw lit-tlett imputati u cioe fil-konfront tal-imputati Alfred Frendo Cumbo u Stephen Cachia ghal perjodu mill-

1993 sal-1997 u ghall-imputat Kenneth Cassar mill-1994 sal-1997. Ghal darb'ohra kkonferma li s-sighat indikati f'dan l-*ispread sheets* jigu indikati mid-dipartiment koncernat f'dan il-kaz il-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

**Joseph Cini** li huwa Principal Officer fl-Ufficju tal-Prim Ministru f'Kastilja, kkonferma a fol 346 tal-atti li l-imputati huma kollha Ufficjali Pubblici mal-Gvern.

Illi ghalhekk minn ezami ta' din x-xhieda b'mod partikolari ghall-impjegati tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin jirrizultaw certi diskrepanzi fis-sens li hemm numru ta' xhieda li qalu li qatt ma raw lil imputati johorgu wara l-hin u ohrajn li qalu li ma jiftakarux u xhud wiehed biss li jidher attendibbli u kredibbli f'dak kollu li qal u cioe Lawrence Cachia li qal li ghalkemm l-imputati qalulu li kienu joqghodu *overtime* huwa kien jara l-frott tax-xoghol taghhom meta kien jidhol ghax-xoghol l-ghada filghodu meta kien isib ix-xoghol jistennih u zgur ma kienx jhallih warajh lejliet.

Jirrizulta wkoll li hemm numru ta' xhieda li qalu li ma jinteressahomx dwar il-passi tal-imputati u ghalhekk ma setghux jiftakru l-passi taghhom.

Din x-xhieda konfliggenti tal-Prosekuzzjoni zgur mhux verosimili fic-cirkostanzi u tqajjem hafna dubbju f'mohh il-gudikant.

Illi x-xhieda kollha li xehdu u dan qed jinghad b'referenza ghal dawk li jahdmu fl-ufficju tal-*Accounts*, ilkoll qalu, salv certu Keith Darmanin li qatt ma ghamel sahra.

Issa kulhadd jaf ix-xoghol li hemm fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u ghalhekk il-Qorti tistaqsi, qatt ma kien hemm bzonn ghal xi overtime ?

Il-Pulizija esibit wkoll l-istqarrija tal-imputati mehuda a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe dik tal-imputat Kenneth Cassar a fol 215 tal-atti li giet mmarkata bhala d-dokument CSH, dik tal-imputat Stephen Cachia a fol 218 tal-atti li giet mmarkata bhala dokument CSH 15 u dik tal-imputat Alfred Frendo Cumbo a fol 221 tal-atti li giet mmarkata bhala dokument CSH 16.

Issa minn ezami akkurat ta' dawn l-istqarrijiet li lkoll ittiehdu fl-istess jum tat-tlieta w ghoxrin ta' Settembru, 1997 jirrizulta li t-tlett imputati kkonfermaw li huma kienu thallsu sena ghal *overtime* li

kienu ghamlu ghalkemm ghazlu li ma jirrispondux ghal numru kbira ta' domandi, kif kellhom kull dritt li jghamlu.

Nhar l-erbatax ta' Dicembru, 1999 **xehed l-imputat Alfred Frendo Cumbo** li spjiega d-diversi postijiet li okkupa waqt li kien fic-Civil. Qal wkoll li huwa hadem taht diversi diretturi mill-1976 sal-1997. Stqarr li fl-1989 meta kien lahaq Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin cetu Joseph Psaila, dan kien jarah jaghmel hinijiet twal ta' *overtime* u ma jithallasx taghhom. Sussegwentement giet vvutata somma flus ghal *overtime* u ghalhekk huwa kien mela *request form* ghalih u ghal Stephen Cachia biex jibdew jithallsu tal-*overtime,* kif jirrizulta mid-dokument AFC esibita a fol 453 tal-atti. Huwa kellu kuntatt kbir mas-Sur Joseph Psaila li ra d-domanda ghax-xoghol kienet kibret u li Stephen Cachia u Alfred Frendo Cumbo ma setghux jlahhqu u ghalhekk beda x-xoghol wkoll Kenneth Cassar, dejjem fl-*Accounts Section*. Xorta baqghu lura fix-xoghol u fis-sena 1995 bdiet tahdem maghhom Stephanie O'Connell biex tiehu hsieb d-*daily runnings*. Sussegwentement dahlu impjegati ohra fosthom Keith Darmanin, Rudolph Marmara u Raymond Cassar.

Fl-1996 beda xoghol Lawrence Cachia li kellu l-kariga ta' Senior f'din is-sessjoni tal-*Accounts* u ghalhekk spicca l-*immediate*

*superior* tal-imputati. Huwa kkonferma li kien jnizzel l-*overtime* taghhom kuljum fuq l-*ispreadsheets* u qabel l-1992 meta ma kienx hemm *computer* kien jnizzlu fuq *fullscaps*.

Huwa ppresenta hames dokumenti markati bhala dokumenti AFC 1, AFC 2, AFC 3, AFC 4 u AFC 5 li huma *spreadsheets* mill-1993 sal-1997 minn fejn jirrizultaw s-sighat tal-*overtime* li kien hadem. Minn ezami ta' komparazzjoni ta' din l-*ispreadsheet* ma dawk ppresentati mit-Tezor jirrizulta li l-imputat kien ircieva tnejn u tletin lira inqas minn dak li kien intitolat ghalih.

Huwa spjiega x'kien ix-xoghol tieghu u x'kien jirrikjedi u fil-fatt kif jirrizulta mid-dokument AFC 7 d-dokument mahrug mill-Ufficju tal-Prim Ministru jirrizulta x'kienu d-doveri tal-posizzjoni tieghu.

Illi r-*records* li kien jaghmel Alfred Frendo Cumbo dwar sahra kienu jmorru ghand Louis Cilia li hu l-Permanent Secretary li kien japprovhom tant li fit-tnejn ta' Mejju, 1997 huwa gie appuntat f'bord biex jinvestiga s-sitwazzjoni tal-Habs fi kwistjonijiet ta' *overtime*, kif jirrizulta mid-dokument AFC 8 u dan ghaliex huwa kien kontra x-xoghol ta' *overtime*.

Huwa spjiega wkoll li waqt l-impjieg tieghu il-Habs huwa kien jkollu hafna xoghol manwali, ghalkemm hadem fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, f'Gatthard House l-Blata l-Bajda, fil-House of Four Winds u f'Forti Sant'Iermu.

Huwa spjiega kif numru ta' impjegati tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin certi Rudolph Marmara, Keith Darmanin, Stephanie O'Connell kienu jafu dwar il-*probation* ta' xahar u li kien qed isir *overtime* tant li Stephanie O'Connell kienet tghinu fi kwistjonijiet ta' *overtime* ta' missierha. Haga tal-iskantament hi li meta spicca mix-xoghol l-imputat dawn l-istess nies ghamlu hafna xoghol ta' *overtime*.

**Stephanie O'Connell** u **Kenneth Cassar** xehdu fit-tmienja ta' Gunju, 2001 fejn kkonfermaw li huma thallsu *overtime* ghal xoghol li kienu ghamlu bhala sahra. Huma qalu li l-*overtime* taghhom kien gie approvat mill-imputat Alfred Frendo Cumbo u sussegwentement il-*pay roll* tigi awtorizzata w approvata mid-Direttur.

Id-Difiza ressqet diversi xhieda ndipendenti li lkoll qalu li l-imputati kienu jkunu presenti fuq xoghol f'perjodu differenti wara l-hinijiet normali tac-Civil. Dan stqarru l-**Assistant Kummissarju tal-Pulizija Josie Brincat** li qal li waqt li huwa dam Direttur tal-Facilita

Korrettiva ta' Kordin kien jkollu kuntatt mal-imputati ta' spiss wara il-hamsa ta' filghaxija. Ikkonferma li l-impjieg taghhom kien jinvolvi hafna xoghol.

**Joseph Psaila** wkoll stqarr li ghamel xi zmien bhala Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin u li jaf lil imputat bhala impjegat tieghu. Qal li l-imputat Alfred Frendo Cumbo kien bniedem affidabbli hafna u kien jahdem id f'id mieghu u kull meta kellu bzonnu dejjem sabu anke ex admissis jghid "*f'abnormal hours*". Kien ikun Alfred Frendo Cumbo li kien jakkunpanjah il-Parlament u jigbor l-informazzjoni dwar domandi parlamentari. Ikkonferma wkoll dak li qal l-imputat Alfred Frendo Cumbo li fil-bidu huwa u Stephen Cachia kienu joqghodu wara l-hin bla ma jithallsu u li kien huwa li ottjena l-vot bl-approvazzjoni tal-Ministru ghal hlas ta' *overtime*. Huwa kien konxju mid-domanda tal-*overtime* li kienet qed issir u fil-fatt ghalhekk kien japprovha ghaliex kienet wahda ragjonevoli.

Ikkonferma wkoll id-dokument AFC esibit mill-imputat Alfred Frendo Cumbo fejn kienet saret t-talba tal-*overtime* u ghandha l-firma tieghu fuq il-wara ta' dan d-dokument. Zied jghid wkoll li huwa qatt ma kellu ghalfejn jissuspetta li l-imputat Alfred Frendo Cumbo ma kienx qed jaghmel *overtime* u jithallas ghalih.

**John Cordina** xehed u qal li fis-sena 1993 spicca jahdem fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, pero hadem minn Ottubru 1992 sa meta spicca fl-1993 fuq bazi ta' *split shift* u meta kien jidhol ghax xoghol fl-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar sakemm jghalqu l-prigunieri huwa kien jiltaqa mal-imputat Alfred Frendo Cumbo fuq bazi regolari u ta' spiss.

**Louis Cilia,** Permanent Secretary fil-Ministeru tal-Intern qal li fl-1993 kien jokkupa zewg karigi u cioe dik ta' Direttur Generali Home Affairs u dik ta' Acting Director tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Sahaq li kellu hafna konnessjoni mal-imputat Alfred Frendo Cumbo. Qal li l-imputat gieli kien imur il-Ministeru jkellmu u gieli jakkumpanjah il-Parlament u dan dejjem filghaxijiet. Fl-1995 il-Ministeru tas-Servizzi Socjali inqata minn mal-Home Affairs l-ufficju tieghu spicca Gatthard House. Peress li kien jaf bil-problema tal-Habs kien sahansitra anke offra ufficju lil imputati fl-istess bini tieghu. Qal li l-imputati kienu jghamlu hinijiet twal jahdmu. Anke meta huma kienu jahdmu fil-House of Four Winds jew Sant'Iermu fl-Akkademja tal-Pulizija kuntatt kien jkollu regolari maghhom ghalkemm il-kuntatt tieghu kien ikun ma Alfred Frendo Cumbo, pero kien konxju li l-imputati Stephen Cachia u Kenneth Cassar kienu fis-sezzjoni tieghu.

**Is-Supretendent Emanuel Cassar** stqarr li huwa kien Agent Direttur mill-wiehed u tletin ta' Lulju, 1995 sa Frar 1997 u l-imputati kienu jahdmu fl-*Accounts Section*. Kien jaf bil-hinijiet twal taghhom u ta' *overtime* u ghalhekk kien jiffirma l-*paylist* taghhom. Qal li f'dan l-ufficju ikun hemm hafna xoghol.

Dwar l-imputat Alfred Frendo Cumbo, is-Supretendent Emanuel Cassar jghid li kien jafdah b'ghajnejh maghluqa u jaf li kellu idejh marbutin fis-sens li ma kienx hali.

Illum il-gurnata, qal is-Supretendent Emanuel Cassar, x- xoghol li kienu jghamlu l-imputati qed isir minn Assistant Director, zewg skrivani u Correctional Officer u li l-*overtime* ghadu jsir sa llum.

**Joseph Micallef** xehed li huwa kien Direttur tal-Protezzjoni Civili u kien jaf lil imputat fil-House of Four Winds kif wkoll fl-Akkademja. Huwa kien jahdem bla hinijiet fissi u gieli jibqa xoghol sat-tmienja ta' filghaxija u kien jara lil imputati ghadhom fuq il-post tax-xoghol.

**L-Assistant Kummissarju Lawrence Cauchi** xehed u qal li huwa ghamel zmien inkarigat mill-Habs mill-ghoxrin ta' Mejju sad-

dsatax ta' Awissu, 1993. Huwa kien jahdem sal-hdax ta' bil-lejl. Qal li kull meta kellu bzonn lil imputat Alfred Frendo Cumbo dejjem sabu u dejjem kien jirrikorri lejh bil-problemi tieghu. Huwa kkonferma wkoll li d-dokument MM li huwa dokument ghal hlas ta' sahra ta' Alfred Frendo Cumbo juri l-firma tieghu u kkonferma l-kontenut tieghu.

**Anthony Schembri** Assistant Manager fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin kkonferma wkoll li meta d-Direttur ma jkunx xoghol, kien hu li kien jkollu hafna nkontri mal-imputat Alfred Frendo Cumbo u s-sezzjoni tieghu u li dawn kienu jahdmu regolarment wara l-hinijiet tax-xoghol.

Xehdu wkoll **Brian St. John, Kenneth Azzopardi u Omar Debono** li huma impjegati tal-MITTS li qalu li kemm il-darba marru fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin fis-snin 1995 u 1996 in konnessjoni ma xoghol u kienu jsibu lil imputati hemmhekk.

Illi l-**Ispettur Peter Cordina xehed in kontra ezami** nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April, 1999 u fil-fatt elabora hafna aktar dwar l-imputati. Dwar l-imputat Alfred Frendo Cumbo huwa kkonferma li salv l-perjodu zghir fis-sena 1997 meta kien hemm Lawrence Cachia,

l-ghola Civil Servant fil-Habs kien hu. Qal li kien responsabbli ghal kull ma jigri gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, salv d-dixxiplina tal-*inmates* u *uniformed personnel*. Kien responsabbli ghal preparazzjoni tasl-Budget, Parlamentary Questions, d-dmirijiet kollha li jsiru lil priguneri, anke dawk gratuwiti, ix-xiri kollu li kien isir, il-hinijiet rigward PSE, kif wkoll x-xiri tal-*equipment*. Kien jiehu hsieb il-*personal files* tal-ufficjali u l-imputat kien efficjenti hafna fuq xogholu. Ikkonferma li bejn Ottubru, 1992 u Frar, 1993 kien jcempel lil imputat fuq ix-xoghol wara l-hamsa ta' filghaxija u kien isibu hemm u li ta' spiss kien jaghtih xoghol fil-hamsa ta' filghaxija u jsibu lest l-ghada filghodu. Ikkonferma li l-imputat kien iebes rigward kwistjoni ta' flus u kien jilmenta mieghu dwar hlasijiet ta' *overtime* u kien irid jnaqqsu. Qal li kien jaf wkoll li l-imputat kien gie appuntat fuq Bord biex jassessjaw l-kwistjoni ta' *overtime* u fil-fatt fl-ewwel ta' Gunju, 1997 kien ha decizjoni li jitwaqqaf l-*overtime* ghal impjegati kollha, hu inkluz.

Haga tal-ghageb qal li waqt lli hu kien Direttur ma kienx jaf li allegatament kienu qed isiru xi osservazzjonijiet rigward kwistjoni ta' *overtime* fil-konfront tal-imputati.

**Ispettur Peter Cordina** qal li fis-sena 1993 fil-Habs kien hemm *cameras* li kienu jimmonitorjaw d-dhul u hrug ta' nies pero dawn r-*recordings* ma jgibux dati u hinijiet u ghalhekk il-Qorti tistaqsi; x'tip ta' *monitoring* kienu jghamlu dawn il-*cameras* u ghaliex lanqas *film* wiehed ma gie prodott? **Ispettur Peter Cordina** stqarr wkoll li ma nghatat ebda ordni sabiex dawn il-*cameras* jigu sorveljati u ghalhekk il-Qorti terga tistaqsi; x'kienet il-funzjoni taghhom?

**Ispettur Peter Cordina** stqarr wkoll li huwa kien wiehed mill-firmatarji sabiex f'Settembru 19973 l-imputat Alfred Frendo Cumbo jigi promoss minn Assistant Principal ghal kariga ta' Principal u ghalhekk il-Qorti ghal darb'ohra tistaqsi; kif setgha d-Direttur jippromovi bniedem ghal kariga ghola meta kien ghadu kemm iltaqa mal-Ispettur Kevin Ellul Bonici u qallu bir-rapport li kien allegatament ircieva fil-konfront tal-imputat ?

Skond l-Ispettur Kevin Ellul Bonici r-rapport li rcieva il-Kummissarju tal-Pulizija minghand d-Direttur Peter Cordina kien fil-wiehed u ghoxrin ta' Gunju, 1997 u ghalhekk huwa possibbli li Direttur jikteb mod lil Kummissarju tal-Pulizija u jiffirma dokument diversi lil Ufficju tal-Prim Ministru ?

Haga ohra stramba li l-Qorti rat fix-xhieda ta' dan d-Direttur hi li qal li kien japprova l-*payslips* tal-imputat dwar hinijiet tal-*overtime.* Pero ghaliex dan ma fissirhix li kien jaf li l-imputati kienu jghamlu *overtime* ? Huwa kien joqghod biss fuq kellmtu ?. Izda f'parti ohra tax-xhieda tieghu jghid li kien isib lil imputat Alfred Frendo Cumbo wara l-hinijiet tax-xoghol kull meta kellu bzonnu. Dan ma jfissirx li kien qed jaghmel l-*overtime* ?

Issa kieku veru kellu suspetti hziena, ma kienx jissorvelja lil imputati ahjar? A fol 372 tal-process jghid li huwa qatt ma ta ordni biex jigi sorvejlat minn xi hadd.

Il-Qorti tistaqsi; huwa vero simili li d-Direttur tal-Habs jghid li l-imputat Alfred Frendo Cumbo kien gie appuntat fuq Bord mill-Ufficju tal-Prim Ministru biex jaqta u jiehu qies tal-*overtime* u l-istess Alfred Frendo Cumbo huwa akkuzat li thallas ta' sahra ghal xejn ? Huwa vero simili li d-Direttur jaf li Alfred Frendo Cumbo ma riedtx li jibqa il-hlas ta' *overtime* fil-Habs u jigi akkuzat li huwa qed jithallas ta' xejn ? Huwa vero simili li meta telqu t-tlett imputati, xoghlhom beda jsir minn hames minn nies fosthom Assistant Direttur u qed isir *overtime* minnhom u l-imputati li kienu tlieta, jigu akkuzati li thallsu ta' *overtime* li ma sarx?

Dawn id-domandi bla risposta jikkrejaw dubbji serji f'mohh il-gudikant dwar s-serjeta tal-amminstrazzjoni fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin f'dawk iz-zminijiet taht dak d-Direttur.

Din x-xhieda xejn ma hi konvincenti u tqajjem hafna dubbji f'mohh il-gudikant. Il-Qorti kienet tippretendi li d-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin jara kif huma mexjin l-affarijiet u jinvestiga l-allegazzjonijiet hu qabel ma jibghat ghal Pulizija u dan sabiex jsahhah l-kaz tal-Pulizja li jridu jahdmu u jinvestigaw l-kaz minn barra.

Infatti il-Qorti xejn ma hija konvinta li d-Direttur kien ircieva din t-tip ta' rapport li qalet il-Prosekuzzjoni li rcieva l-Kummissarju tal-Pulizija, molto piu meta tqis l-allegat rapport fid-dawl ta' dak li xehed.

Ix-xhieda prodotta mid-Difiza kienu persuni ta' integrita u cioe d-Direttur presenti Emanuel Cassar, ex- Diretturi ohra llum Assistenti Kummissarji Joseph Brincat u Lawrence Cauchi u Lawrence Cilia, is-Segretarju Permanenti tal-Intern. Dawn kollha xehdu bil-gurament u qalu li kemm il-darba raw lil imputati jahdmu l-*overtime* u l-overtime dejjem gie approvat minnhom.

Ghalhekk ix-xhieda prodotta mid-Difiza kissret ghal kollox ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni. Ma hemmx dubbju li x-xhieda tal-imputat hija kollha korroborata minn xhieda indipendenti.

Ma hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi fuq il-kredibilita tax-xhieda li semghet il-Qorti u dan wara li ghamlet apprezzament taghhom ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9. Ghalhekk bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta, karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex konsistenti, ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjata ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet l-process tul medda ta' zmien, tkun semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, ezaminat l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hija stess li kkonstatathom u x'interess setgha kellu kull xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita tax-xhieda u dan hu proprju l-ezercizzju li ghamlet din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migubra u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputati qed jghidu l-verita jew ma humiex.  Pero fic-cirkostanzi kif inhuma u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputati ma humiex hatja tad-delitt imputat lilhom, trid wkoll tasal ghal konkluzzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront taghhom speci ta' kongura minn persuna biex taddebitalhom delitt li ma kkommettewx.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lil Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputati, huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale - vol III Kap IV pg. 236 Ediz. 12 - 1890:***

> "***il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornire, spetta ai chi accusa onus probandi incumbit qui asserit.***"

Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax fuq il-manjiera professjonali ta' trattazzjoni li saret mill-Ufficjal Prosekutur b'lealta kbira lejn il-Qorti u b'sens ta' gustizzja lejn l-imputati u tawgura lil istess Ufficjal Prosekutur tkompli taghmel xogholha b'din il-lealta. Ghal darb'ohra il-Qorti mhux qed tghid hekk b'xi messagg lejn l-

Ufficjal Prosekutur izda qed tikkritika l-manjiera ta' kif saret l-investigazzjoni minn Ufficjali ohra. Il-Qorti ma hiex konvinta li s-Sur Peter Cordina kien ircieva informazzjoni jew jekk ircieva din, ma kienetx veritiera w inghatatlu minn persuna mhux affidabbli li kellha hsibijiet ohra u ghaldaqstant tordna lil Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga l-origini ta' dan r-rapport sabiex jittiehdu passi ulterjuri fil-konfront ta' minn hejja dan r-rapport.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni huma xettici hafna u fil-fatt lanqas jwasslu fuq bazi ta' probabilita. Din mhux kwistjoni ta' dubbju konfliggenti izda nuqqas t'investigazzjoni tajba.

Dan qed jinghad ghaliex il-Qorti thoss li ghandha tistaqsi kif l-istess Prosekuzzjoni ma ressaqitx d-Diretturi li kienu fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin tul dan l-perjodu imputat lil imputati jew l-Assistant Managers ? Kif tista Prosekuzzjoni thoss li ghamlet l-ghalmu taghha b'dawn il-provi tant monki ?

Il-Qorti jiddispjaciha tara kif il-Prosekuzzjoni tista tressaq tlieta minn nies l-Qorti fuq x-xhieda li kellha minghajr ma tinvestiga f'aktar

dettal u zzomm tlett ufficjali pubblici l-Qorti ghal perjodu ta' erbgha snin.?

Il-Qorti hawnhekk taghti spjiegazzjoni tat-tifsira wzata komunement u cioe li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubbju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe tal-Prosekuzzjoni.

Issa f'dan il-kaz gie allegat li l-imputati abbuzaw ruhhom fis-sens li thallsu ghal sahra li allegatament ma ghamlux. Kieku dan kien minnu, possibbli li l-ebda Direttur ma kien jinduna u jattira l-attenzjoni ? Hija stramba kif dan il-kaz tqajjem a bazi ta' rapport misterjuz li terga w tghid id-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin ta' dak iz-zmien u cioe l-Ispettur Peter Cordina ma setghax jispjiega.

Id-diversi Diretturi, inkluz l-Ispettur Peter Cordina li pprospetta dan r-rapport, ffirma hlasijiet ghal *overtime* tal-imputati. Allura l-buon sens jghid lil Qorti li dawn d-Diretturi kollha kienu daqstant negligenti b'mod grossolan li jhallu sitwazzjoni bhal din tghaddi qisu ma gara xejn ? Kwazi kwazi dawn d-Diretturi allura huma wkoll

komplici mal-imputati dwar dak li kien qed jigri, kieku t-tezi tal-Prosekuzzjoni kellha titwemmen.

Il-buon sens f'dan il-kaz jiddetta li hemm xi ragunijiet misterjuzi liema misteru tieghu huwa intiz, jew ahjar dirett li jaghmel hsara lil xi persuna personalment u l-gustizzja giet uzata b'mod kriminali biex tipprova tissodisfa dan r-rapport misterjuz u l-Qorti b'dispjacir kbir tghid li dan t-tribunal intuza b'effett ingust.

Il-boun sens wkoll jghidilna li n-nies impjegati mal-MITTS, xhieda ndipendenti, ghandhom par ghajnejn differenti meta qalu li kienu jitaqghu mal-imputati ta' spiss fuq l-post tax-xoghol filwaqt li l-impjegati tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin fil-parti l-kbira taghhom ilkoll qalu li qatt ma raw lil imputati jghamlu *overtime*.

In vista tax-xhieda moghtija mill-Prosekuzzjoni kif mitfija mix-xhieda tad-Difiza, il-Qorti ma thossx li ghandha bzonn tidhol aktar fid-dettal tar-reati addebitati lil imputati b'mod individwali peress li thoss li r-rapport li sar, jekk sar, kien falz.

Anzi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputati kienu ezemplari fix-xoghol taghhom u dejjem kienu lesti ghax-xoghol molto piu fil-

konfront tal-imputat Alfred Frendo Cumbo li dan kien indispensabbli fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

**Il-Qorti ghalhekk rat l-artikoli tal-ligi kif imsemmija fl-artikoli tal-Avukat Generali u cioe l-artikoli 18, 308, 309, 310, 127, 179, 180, 183, 184, 141 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibx lil imputati ALFRED FRENDO CUMBO, STEPHEN CACHIA u KENNETH CASSAR hatja tal-akkuzi kif addebitati lilhom u tilliberahom minn kull akkuza.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jitkomplew l-investigazzjonijiet necessarji fuq minn ghamel r-rapport relevanti ghal dan il-kaz.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin ghal kull interess li jista jkollu.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**